**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

## IL-SITT LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 37 – IT-TNEJN, 7 TA' MEJJU 2012 FIS-5:45PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

### 1 Approvazzjoni Minuti Numru 35

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Approvazzjoni Minuti Numru 36

2.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni.

2.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Violet Bajada issekondat. Kien hemm 7 favur u 2 astensjoni.

Is-Sur David Dalli skuża ruħu mil-laqgha fis-6.05pm

### 3 Pagamenti Numru 62

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur David Dalli reġa' daħal għal-laqgħa fis-6.15pm.

**4 Pagamenti Numru 63**

4.1 Is-Sinjura Violet Bajada ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Neville Mallia issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.1 Saret diskussjoni rigward talba tas-Sur Borg li għandu t-*tender* tal-latrina biex jagħmel *kiddie rides* u *vending machines* ħdejn il-lattrina fi Ġnien Karin Grech. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata t-talba. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm 4 favur (Etienne Bonello Du Puis, Mikhail Micallef, Joan Farrugia, u Anthony Mifsud Bonnici), 4 kontra (Marica Bayliss, David Dalli, Neville Mallia u Violet Bajada) u 1 astensjoni (Rita Saliba). Is-Sindku għamel il-*casting vote* u vvota favur. Il-proposta għaddiet.

.
Is-Sinjura Joan Farrugia skużat ruħha mil-laqgha.

**6 Kwotazzjonijiet**

6.1 Saret diskussjoni rigward SGLC/Q/05/12 – Xiri ta' *litter bins*, *doggie bins* u manutenzjoni.

6.2 Is-Sur Neville Mallia ippropona li tiġi aċċettata l-offerta tad-*doggie bins* tas-Sur Mario Mallia. Ma kienx hemm sekondant.

6.3 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata l-offerta tad-*doggie bins* tal-SR peress li konna kuntenti bil-prodott. Is-Sinjura Rita Saliba issekondat. Kien hemm 6 favur u 2 kontra.

6.4 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata l-offerta tal-80 *litre bin* ta' Anton Zarb. Is-Sur Neville Mallia issekonda. Kien hemm 5 favur (Etienne Bonello Du Puis, David Dalli, Neville Mallia, Marica Bayliss u Mikhail Micallef) u 3 astensjoni (Rita Saliba, Violet Bajada u Anthony Mifsud Bonnici)

6.5 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata l-offerta tal-40 *litre bin* ta' Mario Mallia. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm 5 favur (Etienne Bonello Du Puis, David Dalli, Neville Mallia, Marica Bayliss u Mikhail Micallef) u 3 astensjoni (Rita Saliba, Violet Bajada u Anthony Mifsud Bonnici)

Is-Sinjura Joan Farrugia reġgħet daħlet għal-laqgħa.

**7 Jum San Ġwann**

7.1 Ġiet aċċettata l-kwotazzjoni ta' *La Ciliegia* għall-bibita ta' wara l-kunċert fl-24 ta' Ġunju.

7.2 Saret diskussjoni rigward Mertu San Ġwann. Ġew imsemmija l-Kappillan Mallia, Leonard Griscti u ex Assistent Kummissarju Josie Brincat. Is-Sur Mikhail Micallef ippropona lil Leonard Griscti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 8 favur u 1 kontra.

**8 Affarijiet Oħra**

8.1 Is-Sur David Dalli ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill suġġerimenti li ressqu l-pulizija fil-laqgħa li kellu magħhom. Dawn jinkludu: *Left turn only* meta toħroġ minn Triq San Ġużepp għat-Triq in-Naxxar; *CCTV camera* fi Triq in-Naxxar; *central strip* itwal fi Vjal ir-Riħan; u artiklu fil-fuljett tal-Kunsill rigward il-ħidma tal-pulizija fil-lokal. Is-Sur David Dalli ippropona li jsir l-artiklu fil-*magazine*. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

8.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jinxtara *folding couch* biex jintuża għas-servizz tal-podoloġista. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

8.2.1 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li *ż-zebra crossing* quddiem il-Metro għanda ssir bil-*crossing lights*. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

8.3 Is-Sinjura Violet Bajada ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li t-tabella Merħba San Ġwann fi Triq il-Balal m'għadhiex hemm; il-bankina quddiem *Felicity* għandha bżonn tiġi rranġata; hemm bżonn jiġu rranġati l-marki tal-*parking* fi Triq Santa Margherita minħabba li hemm periklu; u li hemm bżonn jiġu rranġati l-firrolli fi Triq Ġnien Karin Grech.

8.4 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ippropona li jsir *reserved parking* quddiem il-Każin tal-Banda għall-użu tal-Kunsill fil-ħinijiet tad-*Day Care Centre*. Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm qbil unanimu. Is-Sur Mifsud Bonnici talab ukoll biex issir talba lill-Kazin tal-Banda biex tiġi rranġata t-tarġa tagħhom.

8.5 Is-Sinjura Rita Saliba talbet biex jinbidlu l-bozoz maqtugħin fuq iz-zuntier. Kien hemm qbil unanimu.

8.6 Is-Sur Neville Mallia talab biex jiġi rranġat il-ħin tar-*reserved* tal-banka tal-lottu fi Triq il-Mensija. Kien hemm qbil unanimu.

8.7 Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li jinbidel il-post ta' fejn ser isiru l-lezzjonijiet tal-Arti minn Ġnien Karin Grech għal Triq in-Naxxar kantuniera ma' Triq is-Sardinell. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**9 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju 2012 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**